# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 25 TA' FRAR, 2021**

**Kawza Numru: 11**

**Rik. Gur. 1014/2019**

**Christine Cefai (K.I. 422515L)**

**vs.**

**J.B. Property Limited**
**(C 30442)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Christine Cefai ppreżentat fl-24 t'Ottubru, 2019 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

Illi l-partijiet daħlu f'konvenju nhar il-31 ta' Ottubru 2017, li permezz tiegħu s-soċjeta' intimata wegħdet li tbiegħ, u r-rikorrenti obbligat ruħha li tixtri, l-appartament internament immarkat A6, formanti parti minn blokka ta' appartamenti bla numru, fi Triq A. Caligari, Zabbar, skond il-permessi, pjanti u kundizzjonijiet inklużi fil-konvenju, liema konvenju huwa anness u mmarkat bħala Dok CC1.

Illi dan l-imsemmi konvenju ġie mġedded nhar l-10 ta' Diċembru 2018, permezz tal-ftehim hawn anness u mmarkat bħala Dok CC2, liema estensjoni kellha tiskadi nhar it-30 ta' April 2019.

Illi minkejja din l-estensjoni, s-soċjeta' intimata kienet għadha ma kkompletatx ix-xogħlijiet kollha li kellha tikkompleta sal-31 ta' Dicembru 2018, kif kien ġie mwiegħed fil-konvenju.

Illi ai termini tas-*sanction letter* (Dok CC3), il-hrug tal-loan ghax-xiri tal-propjeta` kien soggett ghall-kundizzjoni li r-rikorrenti tipprovdi lill-bank il-*Property Form* flimkien ma' dikjarazzjoni ffirmata mill-Perit li l-propjeta` inbniet skont il-pjanti u l-permessi mahruga mill-Awtorita` tal-Ippjanar u li tinsab fi stat *finished.*

Illi r-rikorrenti sforz ix-xewqa u d-determinazzjoni tagħha li tixtri l-imsemmi fond, inkarigat lill-Perit Ronald Muscat Azzopardi sabiex jispezzjoni u jiċċertifika dan il-fond kif rikjest mill-bank, liema spezzjoni saret fit-30 ta' April 2019.
Illi skont ir-rapport redatt mill-istess Perit, hawn anness u mmarkat Dok CC4, irriżulta illi l-għoli ta' parti mill-open plan u l-fond taż-żewġt ibtieħi ta' wara ma humiex konformi mal-pjanti annessi mal-konvenju, approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar bil-permess maħruġ bin-numru PA/03773/17, u għalhekk l-imsemmi fond ma nbeniex kif wegħdet is-soċjeta' intimata fuq il-konvenju.

Illi inoltre, dawn id-diskrepanzi fid-dimensjonijiet, li r-rikorrenti saret taf bihom biss wara l-ispezzjoni tal-imsemmi Perit, imorru kontra r-Regolamenti 15(1)(a) u 16(1) tar-Regolamenti Dwar l-Ippjanar Tal-Iżvilupp (Saħħa u Sanità), L.S. 552.22.

Illi in vista ta’ dawn l-irregolaritajiet, il-hrug tal-loan mill-bank ghax-xiri tal-imsemmija propjeta` ma kienx possibbli.

Illi minkejja r-rikorrenti infurmat lis-soċjeta’ intimata b’dawn in-nuqqasijiet u talbitha li jgeddu l-konvenju sabiex tirrimedja l-irregolaritajiet identifikati mill-Perit biex il-fond ikun konformi mal-liġi u l-permessi li nħarġu qabel ma jipproċedu bil-kuntratt, is-soċjeta’ intimata rrifjutat li taghmel dan u baqgħet inadempjenti.

Illi l-perjodu ta' validita' tal-konvenju skada nhar it-30 ta’ April 2019 u ma kien ippreżentat l-ebda att ġudizzjarju qabel din l-iskadenza sabiex isir il-bejgħ kif jistipola l-artikolu 1357(2) tal-Kap. 16.

Illi l-fatt li ma ġiex ppubblikat il-kuntratt finali tat-trasferiment tal-propjeta’ hawn imsemmija bl-ebda mod ma jista' jiġi attribwit lir-rikorrenti, hekk kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi minħabba dawn in-nuqqasijiet unikament imputtabbli lis-soċjeta’ intimata, il-bejgħ ta’ din il-propjeta’ ma setax isir u r-rikorrenti għaldaqstant qed titlob id-danni ai termini tal-Artikolu 1357(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, u l-ispejjeż inkorsi għax-xiri ta’ din il-propjeta’.

Illi għaldaqstant r-rikorrenti qed titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. Tiddikjara li s-soċjeta’ intimata naqset milli tonora l-obbligi tagħha kif kuntrattati minnha permezz tal-konvenju datat 31 ta’ Ottubru 2017 għall-bejgħ tal-appartament internament immarkat A6, formanti parti minn blokka ta’ appartamenti bla numru, fi Triq A. Caligari, Zabbar;

2. Tiddikjara li l-fatt li l-kuntratt finali tat-trasferiment tal-istess propjeta’ ma seħħx bl-ebda mod ma jista' jiġi attribwit għal xi nuqqas da parti tar-rikorrenti;

3. Tiddikjara lis-soċjeta’ intimata unikament responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

4. Tillikwida l-imsemmija danni favur ir-rikorrenti, jekk hemm bżonn anke bl-għajnuna ta’ perit nominandi;

5. Tordna lis-soċjeta’ intimata tħallas l-ammont likwidat lir-rikorrenti;

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ intimata, inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 1964/2019.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-diversi tentattivi li saru sabiex tiġi notifikata s-soċjetà konvenuta sakemm finalment ġiet notifikata bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat illi l-konvenut ġiet notifikata bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni billi fl-ewwel lok fit-28 ta' Frar 2020 saret l-affissjoni mal-indirizz 351, Triq Fleur De Lys, Birkirkara, fl-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara; fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara; billi saret il-pubblikazzjoni fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Marzu 2020 kif ukoll billi sar avviz fil-ħarġa tal-gazzetta The Malta Independent tal-10 ta' Marzu 2020;

Rat l-Avviżi Legali numru 65 tal-2020 (Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja) kif ukoll l-Avviż Legal numru 61 tal-2020 (Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv - Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali).

Rat illi wara r-revoka tal-imsemmija avviżi legali inżammet udjenza fl-14 ta' Lulju 2020 fejn il-Qorti ikkonstatat illi s-soċjeta' konvenuta kienet ġiet notifikata bl-affissjoni u pubblikazzjoni u peress illi s-soċjeta' konvenuta baqgħet ma ppreżentatx risposta ġuramentata wara li tneħħiet is-sospensjoni tat-termini legali, iddikjarat lis-soċjeta' konvenuta kontumaċi u ħalliet il-kawża għall-provi tal-attriċ;

Rat illi fit-23 ta' Settembru 2020 s-soċjetà konvenuta ippreżentat rikors sabiex, għar-raġunijiet hemm mogħtija, tiġġustifika l-kontumaċja;

Rat illi b'digriet tal-25 ta' Settembru 2020 l-Qorti ordnat li dak ir-rikors jiġi notifikat lill-attriċi b'għaxart ijiem utili għar-risposta;

Rat ir-risposta tal-attriċi tat-13 ta' Ottubru 2020 fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija qed topponi għar-rikors mertu in diżamina;

Rat id-digriet tas-6 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu appuntat ir-rikors għas-smiegħ sabiex tisma' l-provi limitatament għall-mertu ta' dak ir-rikors;

Semgħat lil Joseph Bellia, prodott mis-soċjeta' konvenuta, fl-udjenza tal-1 ta' Diċembri 2020;

Semgħat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet f'dik l-istess udjenza;

Rat illi r-rikors tħalla għal sentenza dwar it-talba għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.

Ikkunsidrat;

Mill-att promotur jirriżulta li l-attriċi talbet li n-notifika tal-atti ġudizzjarji jiġu notifikati lis-soċjetà konvenuta fl-indirizz 351, Triq Fleur de Lys, Birkirkara. Dan hu l-indirizz uffiċjali tas-soċjeta' konvenuta kif ampjament jirriżulta minn diversi dokumenti li jinstabu fl-atti;

Saru sitt tentattivi sabiex isseħħ in-notifika fl-imsemmi indirizz u ċioe fil-11 ta' Novembru 2019 fis-13:40, fit-28 ta' Novembru 2019 fl-11:50, fis-26 ta' Diċembru wara ħinijiet leagli, fl-10 ta' Jannar 2020 fil-11:30, fil-31 ta' Jannar 2020 fis-9:30 u fis-7 ta' Frar 2020 wara ħinijiet legali. Dawn it-tentattivi kollha fallew. Kien għalhekk li l-attriċi fit-12 ta' Frar 2020 ippreżentat rikors titlob lill-Qorti awtorizzazzjoni sabiex tinnotifika lis-soċjetà konvenuta u lis-segretarju tal-kumpanija permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta ta' kuljum.[1] Fis-17 ta' Frar 2020 din it-talba ġiet milqugħa. Mill-atti jirrizulta li fit-28 ta' Frar 2020 saret l-affissjoni fl-għassa tal-pulizija ta' Birkirkara kif ukoll fl-edifiċju tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Fit-28 ta' Frar 2020 saret ukoll affissjoni mal-post reġistrat tas-socjetà konvenuta u l-indirizz tas-segretarju tal-kumpanija, Joseph Bellia li ġie indikat bħala l-istess indirizz. Di più, b'nota tal-10 ta' Marzu 2020 il-Qorti ġiet informata li saret il-pubblikazzjoni meħtieġa fil-gazzetta The Malta Independent fl-10 ta' Marzu 2020[2] kif ukoll fil-gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Marzu 2020[3]. B'din il-proċedura n-notifika ġiet meqjusa kompluta u ġaladarba s-soċjetà konvenuta naqset milli tressaq ir-risposta ġuramentata tagħha fi żmien għoxrin ġurnata, hija ġiet meqjusa bħala kontumaċja.

B'rikors tat-23 ta' Settembru 2020 is-soċjetà konvenuta spjegat li Joseph Bellia huwa l-uniku Direttur tas-soċjetà konvenuta. u li kien għamel xi żmien jirrisjedi fl-indirizz 351, Triq Fleur De Lys Road, Birkirkara u dan għaliex kellu xi jgħid ma' martu. Iżda fid-data tan-notifika, ċioe fis-26 ta' Frar 2020, huwa kien reġa' rranġa ma' martu u mar joqgħod magħha Marsascala. Huwa għal din ir-raġuni li huwa ma rispondix fit-terminu preskritt fil-liġi u għalhekk ġie kontumaċi. Għal din ir-raġuni is-soċjetà konvenuta qiegħda titlob lill-Qorti permess tippreżenta r-risposta skont il-liġi.

---

[1] Paġna 32A tal-proċess.
[2] Paġna 48 tal-proċess.
[3] Paġna 50 tal-proċess.

Fl-1 ta’ Diċembru 2020 xhed Joseph Bellia fejn spjega li fis-sena 2019 u nofs is-sena 2020 huwa ma kienx qiegħed jirrisjedi fil-fond 351, Fleur de Lys Road, Birkirkara. Huwa qal li sar jaf bil-kawża billi sab in-notifika fix-xahar ta’ Marzu jew April imwaħħal mal-bieb l-indirizz 351, Fleur de Lys Road, Birkirkara bit-*tape*. Spjega li huwa għamel xi żmien jirrisjedi Marsascala però m’għamel l-ebda bdil fl-indirizz għaliex din kienet xi ħaġa temporanja. In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li l-indirizz reġistrat tal-kumpanija huwa dak ta’ Fleur de Lys Road, Birkirkara.

Ikkunsidrat;

Tnejn huma l-punti saljenti li l-Qorti jeħtieġ li tiddelibera dwarhom sabiex tiddeċiedi ir-rikors mertu ta' din id-deċizzjoni: (1) it-terminu li s-soċjetà konvenuta kellha sabiex tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha u (2) jekk jirriżultawx raġuni jew raġunijiet validi li jiġġustifikaw il-kontumaċja.

Ikkunsidrat;

**Sospensjoni ta’ termini waqt l-imxija tal-Covid-19**

Għalkemm ħuwa paċifiku illi s-soċjeta' ma ppreżentatx risposta ġuramentata tajjeb li l-kwistjoni tiġi kkonsidrata wkoll fid-dawl tal-effetti li pandemija Covid-19 kellha fuq it-termini legali.

Waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors il-legali tas-soċjetà konvenuta enfasizza li d-direttur sab id-dokumenti mwaħħlin mal-bieb tal-indirizz uffiċjali tal-kumpanija konvenuta f’Marzu jew April 2020 proprju waqt il-pandemija u meta t-termini tal-Qrati kienu sospiżi. Insista wkoll li d-direttur ma setax imur għand avukat meta huwa sab il-karti mwaħħlin mal-bieb għaliex ħafna mill-avukati ma kinux qegħdin jaħdmu fl-uffiċini tagħhom u kien għalhekk li r-rikors sar qabel l-ewwel seduta wara li reġgħu nfetħu l-Qrati. Issottometta li minħabba dawn ir-raġunijiet jeżistu l-estremi u li l-għaġir tad-direttur Joseph Bellia ma jurix disprezz.

Ikkonsidrat;

Bis-saħħa tal-**Avviż Legali 61 tal-2020, Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali),** inħoloq il-qafas leġislattiv sabiex is-Supritendent tas-Saħħa tkun tista' tordna l-għeluq tal-qrati għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv. Regolament 3 tal-istess Avviż Legali jirregola wkoll li:

> "tali ordni għandha tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta'kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara t-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supritendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta."

Kien bis-saħħa tal-**Avviż Legali 65 tal-2020, Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja** li s-Suprintendent ordnat l-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja u tar-reġistru b'effett mis-16 ta' Marzu 2020, liema ordni kellha tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi revokata mis-Suprintendent. Nonotstante li permezz tal-Avviż Legali 177 tal-2020[4], l-ordni tal-għeluq tar-Reġistru tal-Qorti ġie revokat b'effett mill-4 ta' Mejju 2020 is-sospensjoni kienet għadha fis-seħħ. Kien biss permezz tal-**Avviż Legali 230 tal-2020 li ġie mħassar l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja** liema ordni daħlet fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju 2020. Dan l-aħħar Avviż Legali ħaseb ukoll għall-provvediment tranżitorju fejn fir-Regolament 4 ingħad li

[4] Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja (Emenda Nru. 2).

"Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' sebat (7) ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni."

B'dan il-provvediment tranżitorju allura l-perjodu baqa' sospiż sat-12 ta' Ġunju 2020, b'dan ifisser li **kull terminu kompla jiddekkorri mit-13 ta' Ġunju 2020.**

Fil-każ odjern, is-soċjetà konvenuta ġiet notifikata bl-affissjoni fit-28 ta' Frar 2020 u il-pubblikazzjoni fil-gazetta tal-Gvern fis-6 ta' Marzu 2020 u fil-gazzetta lokali fl-10 ta' Marzu 2020. Ai termini tal-**Artikolu 187 (3)** tal-Kapitolu 12, f'każijiet bħal dak odjern "in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard.". L-aħħar data applikabbli hija t-Tlieta l-10 ta' Marzu 2020, però il-perjodu għal preżentata tar-risposta ġuramentata beda għaddej, skont l-artikolu ċitat, mill-Ġimgħa 13 ta' Marzu 2020. Is-sospensjoni tat-termini skont l-Avviż Legali 65 tal-2020 beda b'effett mis-16 ta' Marzu 2020, tlett ijiem wara li beda jiddekkorri l-perjodu t'għoxrin jum sabiex tiġi intavolata risposta. Din is-sospensjoni ġiet elevata fil-5 ta' Ġunju 2020 iżda l-perjodu baqa' sospiż sat-12 a' Ġunju 2020. B'dan ifisser li mit-13 ta' Ġunju 2020, it-terminu sabiex is-soċjetà konvenuta tippreżenta r-risposta kompla jiddekkorri minn fejn kien ġie sospiż. Peress li kienu għaddew jumejn biss qabel is-sospensjoni, is-soċjetà konvenuta kien fadlilha tmintax-il ġurnata oħra u ċioe sat-30 ta' Ġunju 2020 sabiex tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha.

Isegwi għalhekk illi għalkemm in-notifika bl-affissjoni ġiet konkluża fl-10 ta' Marzu 2020 it-terminu għall-preżentata tar-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta kien jagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2020; u ċioe' kważi erba' xhur wara.

**Jekk Jirriżultawx l-Estremi li Jiġġustifikaw il-Kontumaċja**.

Joseph Bellia, direttur tas-soċjeta' konvenuta, xhed li huwa ġie a konoxxenza tal-kawża f'Marzu jew April meta sab l-atti mwaħħlin mal-bieb tal-indirizz uffiċjali tal-kumpanija ġewwa Birkirkara. Matul it-testimonjanza tiegħu ix-xhud ma jagħti l-ebda spjegazzjoni għaliex minn Marzu 2020 sal-aħħar ta' Gunju 2020 huwa ma rnexxilux ikellem avukat sabiex jintavola ir-risposta ġuramentata fil-ħin li kien ampjament estiż b'effett tal-avviżi legali fuq imsemmija. Lanqas jagħti spjegazzjoni għaliex imbagħad dam sa Settembru 2020 sabiex kellem avukat; ben sitt xhur wara li skond hu stess kien sab kopja tar-rikors promotur tal-bieb tal-uffċju reġistrat tal-kumpanija konvenuta.

**Artikolu 187 (4)** tal-Kapitolu 12 li jiddelineja l-proċedura ta' notifika ta' atti ġudizzjarji fuq korp li jkollu persunalità ġuridika distinta bħal dik tas-soċjeta' konvenuta:

> "4) Fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura:
> (a) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew
> (b) f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)"

Dan ifisser li n-notifika fil-każ ta' persuna ġuridika għandha ssir fl-uffiċċju reġistrat jew f'idejn "persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija..

Mill-Memorandum of Association tas-soċjetà konvenuta datat 17 ta' Settembru 2008, jirriżulta illi l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat huwa 351, Fleur de Lys Road, Birkirkara. Il-Qorti tinnota wkoll li fil-konvenju[5], l-indirizz indikat huwa proprju dak f'Birkirkara u l-istess fil-lista tal-*finishes*[6]. In oltre jiġi nnotat ukoll li l-indirizz li hemm reġistrat mal-Malta Business Registry huwa l-istess wieħed, dak ta' Fleur de Lys Road, Birkirkara[7].

Il-Qorti tinnota diskrepanza u kontradizzjoni bejn dak li jingħad fir-rikors tat-23 ta' Settembru 2020 u t-testimonjanza ta' Joseph Bellia.

Fir-rikors tat-23 ta' Settembru 2020 jallega li **għal xi żmien qabel in-notifika** huwa kellu xi jgħid ma' martu, telaq mid-dar matrimonjali ġewwa Marsascala u mar joqgħod fil-fond ġewwa Birkirkara, l-indirizz uffiċjali tal-kumpanija. Ikompli jgħid fir-rikors illi pero' fid-data tan-notifika "huwa kien rega rranga ma' marthu u rega mar joqghod maghha fil-fond...................Marsascala."

Dak allegat fir-rikors jikkontrasta sew ma' dak li xhed quddiem il-Qorti. Fix-xhieda tiegħu l-ewwel jgħid li l-indirizz ta' Birkikara huwa fejn joqgħod iżda li għamel xi żmien ma joqgħodx hemm **fis-sena 2019 u xi xhur mis-sena 2020.** Jgħid li f'dak il-perijodu ta' madwar sena u nofs kien qed joqgħod Marsascala iżda li kważi għall-aħħar tas-sajf reġa mar joqgħod Birkirkara.

Għalkemm din il-Qorti tqis li hemm kontradizzjoni bejn dak li inkiteb fir-rikors u dak li ingħad waqt ix-xhieda, għall-finijiet ta' dan ir-rikors il-Qorti trid tkun sodisfatta li r-raġuni hija waħda tajba u dan skont dak li fil-fatt jipprovdi l-**Artikolu 158 (10)** tal-Kapitolu 12 jipprovdi li "Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa'

[5] Paġna 6 tal-proċess.
[6] Paġna 11 tal-proċess.
[7] https://registry.mbr.mt/ROC/index.jsp: aċċess sar fuq dan is-sit elettroniku fil-5 ta' Frar 2021.

kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss."

In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs. Carmelo Vassallo** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn fiha ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin:

1. "Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;

2. Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;

5. L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;

6. L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "*una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*";

8. L-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u accezzjonalment biss tista' tkun morali.

Dawn l-istess principji gew riaffermati f'diversi decizjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, u **Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.

Fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** (App Ċiv 126/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 ta' Jannar 2005, ġie dikjarat li:

> "L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu - ta' natura punittiva - huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jsithoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza tal-imharrek - fatt fih innifsu pozittiv- hija invece mehtiega bhala parti mill-indagini li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."

Din il-Qorti tagħraf li l-liġi, tipprovdi għall-prospett ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja permezz tas-sub-artikolu (10) tal-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, fejn il-Qorti għandha obbligu li tara jekk il-konvenut kontumaċi li jitlob biex jitħalla jikkontesta t-talbiet attriċi għandux raġunijiet validi u ġusti sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Av. Dr. Tonio Fenech nomine vs. Interdrive Limited et** (Rik. Ġur. Nru 391/2014JZM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Novembru 2015:

"L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioe` dik li ma jkunx jista` jressaq provi (ara : App. Kumm. - 21.5.1993 – "**Vella pro et noe vs Vella**" (**Kollez. Vol. LXXVII.ii.170**). Min-naha l-ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosita` tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b`mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista` jammonta ghal htija, m`ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies gustifikata (ara : P.A. - 4.7.1991 – "**Vella pro et noe vs Ellul**" (**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**)."

It-termini stipulati mill-liġi huma ta' ordni pubbliku. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet **Samchrome FZE vs. Danko Koncar et** (App. Ċiv. Nru. 842/2014), għamlet referenza għall-kawża **Kenneth Abela vs. Aplan Limited et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-6 ta' Frar 2008 fejn ġie rapportat:

"*Trattandosi* ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ***ad unguem***, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);**

Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b'xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie

minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007).**"

Kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza hawn fuq ċitata jeħtieġ li tiġi murija kawża ġusta għalfejn ma ġietx ippreżentata risposta ġuramentata fit-terminu impost mil-liġi. Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-indirizz uffiċjali tas-soċjetà konvenuta huwa proprju fejn l-atti ġew mwaħħla – hawnek m'hijiex kwistjoni ta' residenza tad-direttur tagħha, iżda notifika lil soċjetà li għandha persunalità ġuridika distinta. Huwa irrelevanti għal fini ta' notifika fejn kien qiegħed jirrisjedi Joseph Bellia. Dak li huwa ta' rilevanza massima huwa li n-notifika saret ai termini tal-Artikolu 187 (4) tal-Kapitolu 12. Din il-Qorti ma tara xejn għajr negliġenza grossolana da parti tar-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta li ma refax ir-responsabbilta' tiegħu qua direttur li jieħu ħsieb jikkomunika b'kull mezz disponibbli fuq medda ta' kważi ħames xhur mal-avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jivverifika kif kellu jaġixxi. Imkien fix-xhieda tiegħu Joseph Bellia ma jgħid li meta sab il-karti affissi mal-bieb tal-uffiċju reġistrat tas-soċjeta' konvenuta huwa għamel xi tentativi sabiex jikkomunika mal-avukat tal-fiduċja tiegħu. Sempliċement jgħid illi meta sab il-karti mwaħħla mal-bieb kien hawn kullimkien magħluq minħabba l-pandemija. Ma rriżultax illi minn Marzu 2020 sa Settembru 2020 Joseph Bellia kien kostrett jingħalaq ġewwa u li ma kellu l-ebda mezz kif jikkomunika mal-estern. Tant hu hekk illi f'xi jum f'Marzu 2020 meta skond l-istess Joseph Bellia huwa kien qed jirrisjedi ġewwa Marsascala huwa kien jinstab f'Birkirkara nonostante li skond Bellia stess kien hawn kollox magħluq.

Din il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjetà konvenuta naqset milli tipprova li kellha raġuni valida fit-termini tas-sub-artikolu (10) tal-Artikolu 158 tal-

Kapitolu 12, li impedijha milli tippreżenta r-risposta ġuramentata fit-terminu impost fil-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda tiddeċiedi r-rikors tas-soċjeta' konvenuta tat-23 ta' Settembru 2020 billi:

1. Issib li ma nġabitx raġuni tajba biżżejjed sabiex is-soċjeta' konvenuta titqies li ġġustifikat il-kontumaċja tagħha.

2. Għalhekk tiċħad ir-rikors tat-23 ta' Settembru 2020.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
25 ta' Frar 2021

**Ruth Camilleri**
**Deputat Reġistratur**